# STANDARDS GĦAL ĊEREMONJI TAŻ-ŻWIEĠ ĊIVILI - REĠISTRU PUBBLIKU

**Verżjoni 2.0**
**Jidħlu fis-seħħ mis-26 ta' April 2021**

L-Artikolu 15(1) tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta), jirrikjedi li *"Żwieġ ċivili għandu jsir fil-preżenza tar-Reġistratur, jew ta' uffiċjal tar-Reġistru taż-Żwieġ awtorizzat mir-Reġistratur biex ikun uffiċjal li quddiemu jsiru ż-żwiġijiet, u tax-xhieda meħtieġa."* Dan l-artikolu jrid jiġi applikat skont id-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika.

Dawn il-kundizzjonijiet obbligatorji qegħdin jinħarġu taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta u jeħtieġu osservanza stretta. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet jirriżulta fi proċeduri ta' infurzar kif previst mill-Att.

Ir-regoli maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għaċ-ċerimonja taż-żwiġijiet ċivili huma s-segwenti:

1. Dawn ir-regoli huma limitati biss għaċ-ċerimonja meħtieġa skont l-Artikolu 15(1) tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Il-maskri protettivi jridu jintlibsu tul iċ-ċerimonja **kollha** u mill-persuni kollha preżenti, inkluż l-għarajjes u x-xhieda.

3. Trid tinżamm dejjem distanza ta' żewġ metri bejn ir-Reġistratur u ċ-Ċelebrant u l-grupp li jifforma l-għarajjes u x-xhieda. Dan jgħodd tul iċ-ċerimonja kollha.

4. Fl-ebda ħin taċ-ċerimonja m'għandu jkun hemm aktar min-numru ta' persuni mitluba mil-liġi (il-koppja, ix-xhieda u r-Reġistratur).

5. M'għandha ssir ebda ċerimonja f'post li ngħalaq permezz tal-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, 2021, u l-emendi sussegwenti tagħha maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

6. L-ebda persuna li qed tattendi ċ-ċerimonja ma tista' tersaq iżjed minn żewġ metri viċin il-koppja u r-Reġistratur.

7. Dawn ir-regoli għandhom f'kull ħin ikunu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolamenti dwar l-Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati, 2021 u l-emendi sussegwenti tagħhom maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika minn żmien għal żmien u għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm dawn ir-Regolamenti jiġu mħassra.

**Office of the Superintendent of Public Health**
Out-Patients Dept. Level 1, St Luke's Hospital Gwardamangia
**e** sph.health@gov.mt